10 ta' Awissu, 1953.

Imħallfin :

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D., *A/Pres.*;
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.
L-Onor. Dr A. Magri, B.Litt., LL.D.

**Rikors ta' Edgar Baldacchino et. *versus* Joseph Bellizzi**

**Digriet — Appell — Nullità — Mandat ta' Inibizzjoni.**

*Hemm tliet xorta ta' digrieti, skond il-liġi tagħna:— dawk definitivi, dawk interlokutorji, u dawk li la huma definitivi u lanqas inter-*

*lokutorji. Għal dina t-tielet kategorija ta' digrieti ma hemmx appell dirett quddiem il-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina; u min irid jimpunja digriet li ma hux interlokutorju jew definitiv jista' jimpunjah biss permezz ta' ċitazzjoni in kontradittorju tal-kontroparti fil-Qorti li tkun emanat id-digriet; u mis-sentenza li tingħata fuq dik iċ-ċitazzjoni jista' eventwalment ikun hemm anki appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina. Iżda appell minn digriet ta' dik ix-xorta b'sempliċi rikors quddiem il-Qorti ta' l-Appell bħal ma jsir fil-każ ta' digrieti interlokutorji huwa null u ta' ebda effett.*

*Digriet li bih il-Qorti, anki wara li tkun semgħet il-partijiet fl-udjenza, tammetti talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, jidħol fil-kategorija ta' din ix-xorta ta' digrieti.*

Il-Qorti, — Rat ir-rikors quddiem il-Qorti tal-Kummerċ ta' Edgar Baldacchino, Emmanuele Baldacchino u Gerald Caruana, bħala Diretturi u Segretarju rispettivament ta' "The Malta Film Association Ltd", preżentat fit-12 ta' Mejju 1953, li bih huma talbu li, in kawtela tal-kreditu tagħhom konsistenti fid-dritt li jġiegħlu lill-imsemmi Bellizzi jeżibixxi l-films tagħhom — kreditu li għall-fini tal-liġi ffissaw għal £450, oltre l-ispejjeż u d-danni, jiġi mibgħut mandat ta' inibizzjoni kontra l-istess Bellizzi biex ma jeżibix films oħra li ma jkunux tar-rikorrenti;

Rat id-digriet ta' l-Ewwel Qorti tal-21 ta' Lulju 1953, li bih, wara li semgħet lill-partijiet u d-difensuri tagħhom, billi dehrilha li hija soddisfatta li, "prima facie", ir-rikorrenti jippossjedu d-dritt, laqgħet it-talba kontenuta fir-rikors;

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Bellizzi preżentat quddiem dina l-Qorti, fejn talab ir-revoka tad-digriet fuq imsemmi tal-21 ta' Lulju 1953, bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' l-imsemmijin Baldacchino u Caruana, li biha dawn eċċepew prelminarment l-inappellabilità tad-digriet "de quo"; u fil-meritu talbu li l-appell jiġi miċħud;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità, u konsegwenti nullità ta' l-appell;

Illi l-appellati jippretendu li l-provvediment in diskussjoni huwa digriet kamerali, mentri l-liġi tagħti d-dritt ta' l-ap-

pell fil-każ biss ta' digrieti interlokutorji; liema eċċezzjoni tinsab kontestata mill-appellant, li jinsisti li d-digriet impunjat huwa interlokutorju;

Illi, kif ġie bosta drabi ritenut minn dina l-Qorti, il-Liġi tal-Proċedura Civili Tagħna, fit-Titolu li jikkontempla d-digrieti, is-sentenzi u l-appelli, issemmi illi s-sentenzi tal-Qrati ta' l-Ewwel Istanza huma appellabili lil dina l-Qorti, barra minn ċerti każi speċjali, b'appell ordinarju; u illi d-digrieti interlokutorji huma appellabili, jekk immedjatament, b'forma iżjed sempliċi mill-appell ordinarju, jiġifieri per mezz ta' rikors fi żmien qasir, imma ma qalet xejn fuq digrieti li ma humiex interlokutorji. *U għalhekk jiġi li l-appell minn digriet li ma huwiex interlokutorju ma jkunx hemm* (Vol. XXXII—I—340, Appell re "Rosa Borg vs. Avukat Chetcuti ne.", tat-8 ta' Frar 1946);

Dan ifisser illi hemm tliet xorta ta' digrieti. Dawk definitivi, dawk interlokutorji, u dawk li la huma definitivi u lanqas *interlokutorj*. Għall-ewwel u t-tieni kategorija ta' digrieti hemm appell bil-mod kif ingħad; iżda għat-tielet kategorija ta' digrieti appell dirett quddiem il-Qorti ma hemmx; u min irid jimpunja digriet li ma huwiex interlokutorju jew definitiv ma jistax jimpunjah per mezz ta' appell dirett, iżda biss per mezz ta' ċitazzjoni in kontradittorju tal-kontroparti fil-*Qorti li tkun emanat* id-digriet; u mis-sentenza li tingħata fuq dik iċ-ċitazzjoni jista' eventwalment ikun hemm anki appell quddiem dina l-Qorti. Iżda appell minn digriet ta' dik ix-xorta b'sempliċi rikors quddiem dil-Qorti bħal ma jsir fil-każ ta' digriet interlokutorju huwa null u ta' ebda effett (ara sentenza ċitata Vol. XXXII, p. I, p. 340). L-osservanza *kostanti u sekolari* tal-prattika f'dan is-sens fil-Qrati Tagħna hija l-isbaħ konferma ta' dak kollu li ntqal;

Ikkunsidrat;

Illi d-digriet fil-kwistjoni żgur li mhux definitiv, għax ma temmx il-kontroversja bejn il-partijiet, u lanqas rabat lill-ġudikant; iżda lanqas ma jista' jiġi kunsidrat bħala interlokutorju. *U tabilħaqq*, lanqas ma huwa parti inċidentali tal-ġudizzju; iżda jifforma parti biss mill-atti tal-mandat relativ, u mhux mill-atti tal-kawża, u eżawrixxa ruħu bil-ħruġ tal-

mandat. Xejn ma jiswa illi dak id-digriet ġie mogħti wara li nstemgħu l-partijiet, fosthom l-appellant li oppona t-talba ta' l-appellati; dik il-proċedura *tas-smiegħ tal-partijiet kienet* meħtieġa skond l-art. 876 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, Kap. 15, u ma biddletx in-natura ta' l-istess digriet, jiġifieri ta' digriet kamerali, bħal ma hija dik relativa għall-ħruġ tal-mandati kawtelatorj l-oħrajn kollha; u fil-fatti jidher ċar li d-digriet in kwistjoni ġie mogħti kameralment. Għaldaqstant dak id-digriet huwa revokabili biss mill-istess Qorti li tatu, fuq talba b'ċitazzjoni ta' l-interessat, meta fil-ġudizzju diskrezzjonali tagħha l-Qorti tara raġuni tajba li tiġġustifika r-revoka; salva lil dina l-Qorti s-setgħa li tirrevoka s-sentenza relativa fil-każ ta' vjolazzjoni tal-liġi jew errur manifest u dannu irriparabili, jew raġuni oħra tajba skond il-liġi;

Ikkunsidrat;

Illi, in vista ta' l-inappellabilità tad-digriet, din il-Qorti ma tidħolx, u ma tistax tidħol, fil-meritu ta' l-appell;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità, u għalhekk tiddikjara null u inattendibili l-appell interpost mill-appellant. Bl-ispejjeż kontra tiegħu. Salv lill-appellant kull xorta ta' rimedju ieħor, jekk u skond il-liġi.